

It-tweġiba tal-Aġenzija Ewropea għall- Gwardja tal-Fruntiera u tal-Kosta

110. Waħda mid-dgħufijiet l-aktar sinifikanti fil-ġbir tad-*data* dwar ir-ritorn fil-Frontex kienet relatata mal-indikatur dwar l-għadd ta' deċiżjonijiet ta' ritorn, li spiss jinħarġu diversi drabi lill-istess persuna li għandha tiġi rritornata. Id-dgħufija ġiet ikkoreġuta billi ġie stabbilit indikatur ieħor dwar l-għadd ta' persuni li rċevew ordnijiet ta' ritorn fuq bażi ta' kull xahar. L-indikatur il-ġdid jippermetti kalkolu aħjar tar-redditi effettivi għal kull deċiżjoni maħruġa, madankollu dan ma jiġix irrapportat minn kull Stat Membru.